MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.

## DOREEN CLARKE

Seduta tas-6 ta' Lulju, 2015

Numru. 561/2014

**Il-Pulizija**

**(Spettur Robert Said Sarreo)**

**vs**

**Ivan Gauci**

**Kumpilazzjoni Nru: 561/2014**

Il-Qorti,

Rat l-akkuza migjuba kontra l-imsemmi Ivan Gauci detentur tal-karta ta' l-Identita' Maltija numru 570883(M).

Akkuzat talli:

1. Nhar l-20 ta'Awwissu, 2013, ghal habta ta' bejn il-5:30am u s-6:00am gewwa Triq Wied il-Ghajn, Zabbar waqt li kien qed jaghmel uzu minn vettura tal-marka King Long bin-numru ta' registrazzjoni BUS-172, b'nuqqas ta' hsieb, bi traskuragni, jew b'nuqqas ta' hila fl-arti jew professjoni tieghu, jew b'nuqqas ta' tharis tar-regolamenti, kien involut f'kolluzjoni ma vettura bin-numru BBD-863 tal-marka Ford u nvolontarjament ikkaguna griehi ta' natura gravi per durata fuq il-persuna ta' Maria Carmela Spiteri, Theresa Borg u/jew xi persuni ohra, hekk kif iccertifikati minn Dr. Mark Attard Bianchardi ta' l-Isptar Mater Dei.

2. U aktar talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi, b'nuqqas ta' hsieb, bi traskuragni, jew b'nuqqas ta' hila fl-arti jew professjoni tieghu, jew b'nuqqas ta' tharis ta' regolamenti, kien involut f'kolluzjoni ma vettura bin-numru BBD-863 tal-marka Ford u nvolontarjament ikkaguna griehi ta' natura hafifa fuq il-persuna ta' Josephine Zammit u/jew xi persuni ohra, hekk kif iccertifikata minn Dr. Maria Deguara ta' l-Isptar Mater Dei.

3. U aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi, waqt li kien qed issuq vettura bin-numru BUS-172 ta' l-ghamla King Long, saq l-imsemmija vettura, b'manjiera traskurata u negligenti.

Il-Qorti giet gentilment mitluba sabiex f'kaz ta' htija, minbarra li tinfliggi l-piena stabbilita skond il-ligi, joghgobha tordna l-iskwalifika ta' kull licenzja tas-sewqan ta' Ivan Gauci ghal dak il-perjodu taz-zmien li din l-Onorabbli Qorti jidhrilha xieraq.

Rat l-artikolu 226 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta u l-artikolu 15 tal-Kapitolu 65 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat il-kunsens ta'l-Avukat Generali biex dan il-kaz jigi trattat bi procedura sommarja u li l-imputat ma kellux oggezzjoni li l-kaz jigi hekk trattat.

Semghet il-provi u t-trattazzjoni tal-partijiet.

Rat l-atti processwali.

Ikkunisdrat

Illi dan il-kaz jirrigwarda incident li sehh nhar l-20 ta' Awissu 2013 fi Triq Wied il-Ghajn Zabbar meta l-imputat li kien qed isuq karozza tal-linja (numru BUS 172) habat ma' trukk (numru BBD 863) li kien ipparkjat f'l-imsemmija triq; f'dan l-incident wegghu tlett persuni: Maria Carmela Spiteri, Theresa Borg u Josephine Zammit li kienu passiggiera fuq il-karozza tal-linja. Bil-forza tad-daqqa li ha t-trukk dar ftit, tela fuq il-bankina u habat mal-faccata tad-dar quddiem liema kien ipparkjat.

Illi f'dan il-kaz ftit li xejn hawn kontestazzjoni fis-sens li l-imputat mhux qed jikkontestat li t-tlett persuni fuq imesmmija soffrew griehi bhala rizultat ta'l-impatt, lanqas qed jikkontesta n-natura tal-griehi minnhom sofferti (cioe gravi ai termini ta'l-artikolu 216 fir-rigward ta' Maria Carmela Spiteri u Theresa Borg, u hfif fir-rigward ta' Josephine Zammit). L-imputat pero jinsisti li huwa kien qed isuq b'mod prudenti u li l-incident sehh ghax it-trukk kien ipparkjat 'l barra mill-bankina immedjatament wara blind corner b'mod li huwa ma setax jarah.

Illi ghalkemm taw id-depozizzjoni taghhom, hadd mit-tlett passigiera li wegghu f'l-incident ma seta' jaghti informazzjoni utli dwar id-dinamika ta' l-incident stante li hadd minnhom ma kien qed jaghti kaz it-triq; wahda minnhom pero, Maria Carmela Spiteri, kienet tal-fehma li x-xufier kien *"qed isuq daqsxejn iz-zejjed ghal dak il-hin ta' fil-ghodu*". It-tlieta li huma kkonfermaw li l-incident sehh ghall-habta tas-sitta ta' fil-ghodu.

Illi kien hemm passigier iehor fuq il-karozza tal-linja li tressaq bhala xhud; dan kien certu Marvic Camilleri. Dan ix-xhud beda biex jghid li l-incident sehh ghall-habta ta' l-erbgha u nofs jew il-hamsa nieqes kwart ta' fil-ghodu. Hu spjega li fid-dawra hemm blind corner  u habtu ma *"vann li kien hemm ipparkjat ammont konsiderevoli 'l barra aktar mill-parking slots tal-karozzi ghax il-kazozzi l-ohra ma gralhom xejn".* Hu specifika li kien hemm pied bejn ix-xarabank u l-karozzi ipparkjati. Aktar minn hemm hu jghid li kien qieghed fuq in-naha tax-xellug tax-xarabank fit-tieni bank ghalhekk kellu vizwali tajba.

Illi da parti tieghu s-sewwieq tat-trukk, Mark Micallef jghid li hu ipparkja *fil-parking tal-karozzi, pero peress li t-trukk huwa akbar mill-karozzi dejjem jaqbez iktar mill-parking.* Jghid li wara li pparkja hareg mit-trukk u mexa ftit 'l boghod minnu meta f'daqqa wahda sema' daqqa, dar, u ra x-xarabank mahbuta mat-trukk li .

Illi xehed ukoll is-surgent li investiga dan il-kaz. Huwa jghid li ftit wara s-sitta nieqes kwart gew infurmati li kien ghadu kif sehh l-incident ghalhekk huwa immedjatament mar fuq il-post. Hemm ha hsieb li tinghata l-ghajnuna lil persuni imwegga', ha l-verzjonijiet ta' dawk prezenti, prepara skizz u anke ha ritratti li deherlu setghu ikunu relevanti ghall-investigazzjoni[1].

Illi l-imputat xehed quddiem il-Qorti. Fid-depozizzjoni tieghu jghid li waqt li kien qed isuq fi Triq Wied il-Ghajn Zabbar, fid-direzzjoni ta' Marsascala, u kif kiser

[1] Dawn huma esebieti bhala Dok AR1 a fol 45 tal-process.

kien hemm trukk ipparkjat li ma rahx u baqa' diehel fih; huwa jghid li tant hasdu dan it-trukk li lanqas biss kellu cans jafas il-breaks. L-imputat jispjega li dak il-hin kien ghadu d-dlam cappa, it-trukk kien ipparkjat hazin ghax kien qieghed 'l barra mill-bankina u lanqas kellu hazard lights mixghulin. L-imputat jghid ukoll li huwa kien qed isuq bil-hamsin pero ma jafx jekk kienux hamsin kilometru jew mili; fuq suggeriment ta' l-Avukat tieghu huwa wasal biex qal li kienu kilometri.

Illi dwar il-kredibilita ta'l-imputat jibda biex jinghad li fis-sitta ta' fil-ghodu fis-sajf ma jkunx dlam cappa. Fil-fatt mir-ritratti li ha s-surgent kwarta wara l-incident jidher li t-triq kienet idawwla sew[2]. Aktar minn hekk ghalkemm huwa vera li aktar 'l fuq minn fejn sehh l-incident hemm bend fit-triq, din hija sempliciment kisra fit-triq li minkejja din il-bend tista' tibqa tikwalifika bhal triq dritta. L-imputat fid-depozizzjoni tieghu jghid li kien qed isuq bil-hamsin kilometru fis-siegha; dan huwa impossibbli. Kieku verament kien ghaddej bil-hamsin kilometru fis-siegha l-impatt mat-trukk ma kienx ikun daqshekk qawwi li jcaqlaq lit-trukk bil-mod kif caqalqu u li jaghmel il-hsara li ghamel. L-imputat jghid li t-trukk kien ipparkjat 'l barra mill-bankina pero hu mhux f'pozizzjoni li jaghmel din il-konstatazzjoni ghaliex skond il-verzjoni tieghu stess huwa t-trukk rah biss ma'l-impatt. Aktar minn hekk mir-ritratti esebieti jidher li l-wiesgha li hemm ghall-parking huwa kbir bizzejjed ghal karozza u trukk zgur ser johrog 'l barra mill-linja l-bajda; kieku t-trukk kien ipparkjat 'l barra mill-bankina kien ikun litteralment f'nofs tat-triq. Dan ifisser ukoll li l-impatt bejn il-karozza tal-linja u t-trukk kien ikun wiehed frontali meta fil-fatt ma kienx: mir-ritratti esebieti jidher li l-vera impatt mat-trukk kien mal-genb tal-kabina[3].

Illi hafna mill-osservazzjonijiet dwar il-kredibilita ta'l-imputat jistghu isiru ukoll fil-konfront tax-xhud Marvic Camilleri. Dan ukoll jinsisti li kien ghadu ma sebahx u biex jipprova jkun konvincenti jghid li l-incident sehh ghall-habta ta' l-erbgha u nofs jew il-hamsa nieqs kwart ta' fil-ghodu meta fil-fatt l-incident sehh ftit qabel is-sitta. Hu jiddeskrivi il-kisra li hemm fit-triq bhala blind corner,

[2] Naturalment wiehed iridjiehu in konisderazzjoni ukoll li anke kieku kien ghadu ma sebahx kien ikun hemm id-dawl (elettriku).
[3] Dan jidher partikolarment mir-ritratti market numru 7 a tergo)

meta assolutamnet mhiex. Hu jghid li kellu vizwali tajba tat-triq minn fejn kien qieghed bil-qeghda u minkejja dan lanqas hu ma rahx it-trukk. Jghid ukoll li kien hemm karozzi ipparkjati qabel it-trukk u seta jinnota li kien hemm spazju ta' pied bejniethom u x-xarbank; pero la f'l-iskizz redatt mis-surgent u lanqas fir-ritratti mehuda ma jidhru karozzi ipparkjati qabel it-trukk.

Illi dawn il-fatturi kollha jimminaw il-kredibilita sia ta'l-imputat u sia tax-xhud Marvic Camilleri. Il-Qorti fil-fatt hija konvinta li l-kawza ta'l-incident ma kenitx il-mod kif kien ipparkjat it-trukk jew id-dlam fit-triq u lanqas ma kienet il-konfigurazzjoni tat-triq. Il-kawza prossima ta'l-incident kienet id-disattenzjoni ta'l-imputat u l-velocita li kien qed isuq biha. F'dan ir-rigward ghandu jigi rilevat li l-velocita preczia li biha kien qed isuq l-imputat ma tirrizultax; id-dinamika ta' l-incident u d-danni kkawzati fiz-zewg vetturi, b'mod partikolari it-trukk, pero huma indikazzjoni cara li l-imputat kien qed isuq b'certu velocita. Huwa ben stabbilit li velocita tista' tkun eccessiva *anke jekk ma jiskorriex il-limiti regolamentari ghal dik il-lokalita izda jiskorri dawk dedatti mill-prudenza u mill-fatturi ambjentali tal-mument*[4]. Huwa obbligu t' sewwieq li fejn hemm bend inaqqas il-velocita partikolarment meta huwa jkun qed isuq man-naha fejn il-vizwali tista igi affettwata.

Illi tenut kont tas-suespost il-Qorti hija konvinta li l-imputazzjonijiet kollha migjuba kontra l-imputat gew sodisfacjentement pruvati.

Illi dwar il-piena l-Qorti hadet in konsiderazzjoni n-natura tar-reati ta'l-imputat u l-fedina penali netta tieghu.

Ghal dawn il-motivi l-Qorti wara li rat l-artikolu 226(1)(b)(c) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta u l-artikolu 15(1)(a) tal-Kapitolu 65 tal-Ligijiet ta' Malta, issib lill-imputat hati ta'l-imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu u tikundannah

[4] Ref Pulizija vs Haden Vella Appell Kriminali deciz 12.07.2007.

multa ta' elf Euro (€1,000) u tiskwalifikah minn kull licenzja tas-sewqan ghal perjodu ta' tlett (3) xhur.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------